*PORZJONI RIZERVATA*

*PETITIO EREDITATIS - PRESKRIZZJONI*

*ART 845 TAL-KAP 16*

*BEJGH BL-IRKANT*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru : 33**
**Rikors Guramentat Numru : 47/2015/LSO**

**Pauline Debono (545071M)**

**vs**

**Maria Vincenza *sive* Censina Brincat (K.I. 618432M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Pauline Debono datat 19 ta' Jannar 2014 fejn espona: -

Illi l-esponenti hija t-tifla adottiva tal-mejta Richard George Breckon u martu Josephine Breckon u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid u mic-certifikat taz-zwieg tal-koppja Breckon, annessi u mmarkati bhala Dok PD1 u Dok PD2.

Illi l-imsemmija Richard George Breckon u martu Josephine Breckon mietu rispettivament fll-16 ta' Settembru 1978 u fil-14 ta' Awwissu 2014 u dan skont ma jirrizulta mic-certifikati tal-mewt annessi u mmarkati Dok PD3 u PD4 rispettivament.

Illi l-imsemmi Richard George Breckon miet intestat (ara Dokumenti PD8 u PD9 annessi) u konsegwentement wirtitu bintu l-attrici izda Josephine Breckon ghamlet testment u l-eredita` taghha hija regolata bl-ahhar testment taghha tal-27 ta' Settembru 2009 skont ma jirrizulta mill-annessi certifikati u markati Dok PD5, PD6 u PD7

Illi skont dan l-ahhar testment taghha Josephine Breckon halliet lill-attrici, bintha, is-sehem riservat filwaqt li, apparti xi legat, hija istitwiet lil ohtha, l-intimata, bhala l-eredi assoluta taghha.

Illi l-mejta Josephine Breckon apparti flus fil-banek u xi investimenti ohra halliet ukoll is-sehem li hija kellha fil-fondi immobiljarji u cioe` il-kwart indiviz fis-segwenti fondi u cioe` 4, Triq San Duminku Birgu, 22 Triq San Lawrenz, 21 u 22 Triq it-Torri ta' San Gwann Birgu kif ukoll nofs indiviz tal-fond bin-numru 68, Rue D'Argens, Msida.

Illi Josephine Breckon akkwistat il-fond 68, Rue D'Argens, Msida flimkien ma' zewgha l-mejjet Richard George Breckon u ghalhekk dan il-fond jappartjeni kwantu ghal nofs lill-attrici, derivanti mill-eredita` ta' missierha flimkien ma' kreditu tal-valur tas-sesta parti derivanti mill-eredita` ta' ommha.

Illi apparti l-fondi immobbli li l-partijiet jippossjedu indivizament bejniethom, hemm il-depoziti bankarji li kellha f'isimha l-mejta, awtrici tal-partijiet fil-banek lokali li ghandhom jiffurmaw parti mill-massa patrimonjali tal-mejta u li minnha l-esponenti ghandha id-dritt li tircievi, in kontanti it-terza parti. Dawn il-flus gia gew zbankati mill-intimata u illum jinsabu fil-pussess taghha.

Illi il-partijiet pruvaw jaslu f’ xi tip ta' akkomodament izda ma rnexxilhomx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tistabbilixxi u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejtin Richard George Breckon u martu Josephine Breckon oltre li tistabbilixxi l-assi partikolari ta'

Richard George Breckon u Josephine Breckon rispettivament, billi jigi dikjarat li jikkonsistu f' dawk il-beni li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza u tigi ordnata il-qasma ta' dawn l-assi f' zewg ishma, li wiehed jigi assenjat lill-assi partikolari tal-mejjet Richard George Breckon u l-iehor lill-assi partikolari tal-mejta Josephine Breckon;

2. Taqsam u tiddividi l-assi ereditarji appartenenti lill-eredita` tal-mejjet Richard George Breckon u lill-eredita` tal-mejta Josephine Breckon u dan billi l-istess eredita' ta' Richard George Breckon tigi assenjata lill-attrici *stante* li missierha miet intestat u dik ta' Josephine Breckon skont id-dispozizzjonijiet testamentarji taghha;

3. Tillikwida l-porzjoni rizervata materna (terza parti) dovuta lill-attrici rikorrenti mill-assi tal-mejta Josephine Breckon u dan b'mod li tigi ordnata li tithallas fi flus kontanti;

4. Billi jirrizulta li d-dar imsemmija mhix komodament divizibbli bejn il-kontendenti, kif attwalment ghandu jirrizulta, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-istess beni, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji; u

5. Li konsegwentement tordna li r-rikavat mill-imsemmi bejgh jigi spartit bejn il-kontendenti skont il-kwoti lilhom spettanti mill-eredita` imsemmija; u

6. F' kaz ta' bzonn tinnomina Nutar Pubbliku biex jircievi u jippubblika l-att ta' divizjoni u assenjazzjoni li ghandu jigi pubblikat fil-jum, hin u lok li jigu determinati mill-Qorti bin-nomina ta' kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Frar 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Vincenza Brincat (618432M) datata 16 ta' Frar 2015 (fol 24) fejn esponiet :

1. Illi t-talbiet relatati ma' l-eredita` tal-mejjet Richard George Breckon huma *ai termni* ta' l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, illum preskritti u ghaldaqstant l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici kienet ga hadet sehema mill-assi ereditarji appartenenti lilha mill-eredita' tal-mejjet Richard George Breckon;

3. Illi l-intimata ma topponix ghat-talba attrici sabiex tigi llikwidata l-porzjoni rizervata materna (terza parti) dovuta lill-attrici mill-assi tal-mejta Josephne Breckon b'dan illi hija

u ssir il-komputazzjoni relattiva jitnaqqsu dawk l-ispejjez imhallsa b'mod regolari mill-istess assi;

4. Illi peress li r-raba’ u l-hames talbiet m'humiex jinftehmu sew, l-intimata qieghda ghal kull *buon fini* topponihom u titlob li jigu michuda;

5. Illi l-intimata qatt ma rrifjutat, anzi dejjem riedet, li jaslu fi ftehim bonarju mar-rikorrenti sabiex b'hekk jithallas is-sehem rizervat lir-rikorrenti fuq l-assi ereditarji ta' Josephine Breckon u li jersqu ghall-qasma tal-wirt ta' Josephine Breckon izda kienet ir-rikorrenti li ma riditx tasal ghal ftehim bonarju, kif se jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi tant huwa hekk li l-assi immobiljari elenkati fit-talba tar-rikorrenti huma dawk li l-informazzjoni dwarhom ghaddiet lilha mill-istess konvenuta;

7. Illi ghaldaqstant l-initmata l-anqas m' ghandha tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

8. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 4 ta' Frar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Schembri ghall-attrici, li rrimetta ruhu ghar-rapport u talab li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-konvenuta u l-Avukat taghha Dr Antonio Depasquale msejhin tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza giet

differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghat-22 ta' Marzu 2016 fid-9:30a.m.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datata 4 ta' Marzu 2016 a fol 71 tal-process fejn l-esponenti tablet lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-setenza u tawtorizza l-esponenti tressaq il-provi taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti rat ir-rikors ta' l-intimata tal-4 ta' Marzu 2016 u laqghet it-talba u iddifferixxiet il-kawza ghall-provi tal-intimata ghas-26 ta' Mejju 2016; u il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Schembri ghall-attrici prezenti fl-Awla. Il-Qorti rat l-ahhar verbal u billi l-konvenuta ma ottemporatx ruhha mal-ordni tal-Qorti, l-Qorti ghalhekk iddikjarat il-provi maghluqa, u fuq talba ta' Dr Schembri halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2017 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qeghda titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm vigenti bejn il-genituri adottivi taghha Richard u Josephine Breckon u l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi ereditarju taghhom. Qed titlob ukoll li tigi likwidata l-legittima materna dovuta lilha.

Illi billi d-dar 68, Rue D'Argens, Msida giet akkwistata fiz-zwieg mill-genituri taghha, qed titlob il-bejgh in licitazzjoni tal-imsemmi fond, li tieghu hija gja fi kwota indaqs mal-intimata li mhix komodament divizibbli.

Il-konvenuta laqghet billi eccepit il-preskrizzjoni a tenur tal-**artikolu 845 tal-Kodici Civili.** Gie sostnut li l-attrici diga hadet sehemha mill-assi ta' missierha Richard George Breckon, u li l-intimata ma topponix ghal-likwidazzjoni ghall-porzjon rizervata materna. *Di piu`*, gie eccepit li r-raba` u l-hames talbiet mhumiex cari, ghalhekk ghandhom jigu michuda, peress li hi qatt ma rrifjutat is-sehem rizervat lir-rikorrenti mill-eredita` ta Josephine Breckon.

**<u>Fatti:</u>**

Il-fatti mhumiex ikkontestati. Jirrizulta li l-attrici, hi bint adottiva tad-defunti mizzewgin Richard u Josephine Breckon. Illi Richard George Breckon miet intestat fis-16 ta' Settembru 1978 (**Dok PD3**- fol 6) u Josephine Breckon mietet fl-14 ta' Awwissu 2013 (**Dok PD4**- fol 7). Irrizulta li Josephine Breckon kienet ghamlet testment datat 27 ta' Settembru 2009 (**Dok PD7** – fol 11-14) fejn halliet is-sehem riservat lill-attrici u bhala eredi assoluta lil ohtha, u cjoe` l-intimata. Illi jirrizulta li Josephine Breckon halliet sehemha ta' nofs (1/2) indiviz mill-fond 68, Rue D'Argens, Msida, u kwart (1/4) indiviz mill-fondi 4, Triq San Duminku, Birgu, 22 Triq San Lawrenz, Birgu, u 21, u 22 Triq it-Torri ta' San Gwann, Birgu. Minbarra dan, hi halliet ukoll investimenti u depoziti bankarji f'isimha.

## Provi:

**Pauline Debono** xehdet permezz ta' affidavit (fol 29-32) li qalet hija tifla adottiva ta' Richard George Breckon u ta' Josephine Breckon. Semmiet li wara li missierha miet intestat, hi ma talbitx dak li kien jispetta lilha bil-ligi, anke ghaliex hi kien ghad kellha biss seba' snin dak iz-zmien. Spjegat li wara l-mewt ta' ommha li mietet testata kien imiss lilha s-sehem riservat. Ziedet tghid li mill-verifiki rrizulta li ommha kellha sehem minn fondi gewwa l-Birgu, flus depozitati l-Bank, kif ukoll xi investimenti. Semmiet li kienet saret laqgha l-Qorti bejn il-partijiet flimkien mal-avukati f'dan il-kaz, bl-ghan li jintlahaq ftehim, fejn kienu gew infurmati li l-intimata zbankat il-flus depozitati l-Bank. Hi spjegat li qed tippretendi sehemha mill-fond 68, Rue D'Argens Msida peress li dan il-fond kien gie akkwistat mid-defunti genituri taghha fiz-zwieg, u tippretendi li tircievi wkoll terza parti mill-ishma tal-fondi appartanenti lil ommha kif ukoll terz tad-depoziti bankarji.

**Joseph Brincat** xehed (fol 76-79)[1] u qal li hu iben l-intimata, u l-kugin tar-rikorrenti. Qal li kienu qablu fuq kollox minbarra fuq il-valur tal-proprjeta` 68, Rue D'Argens Gzira. Semma li ltaqghu l-Qorti flimkien mal-avukat Joseph Schembri f'okkazjoni wahda biss u dakinhar tkellmu dwar jistghux ibieghu l-proprjeta` in kwistjoni f'Rue D'Argens Msida. Spjega li l-ftehim li kienu lahqu dakinhar kien, li jippruvaw jitolbu prezz biex tinbiegh din il-proprjeta`, u

[1] Seduta tas-26 ta' Mejju 2016.

kkonferma li ghalkemm il-proprjeta` qeghda ghand agenti, ma kienx hemm avvizi fil-gazzetta u kkonferma wkoll li r-rikorrenti m'ghandhiex cavetta ghal din il-proprjeta`.

**L-ewwel eccezzjoni - dwar il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 845 tal-Kodici Civili:**

Illi gie eccepit li t-talbiet relatati mal-eredita' tal-mejjet Richard George Breckon, huma preskritti fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-artikolu 845 tal-Kap 16** jistipula li**:**

*"(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni."*

Illi din l-eccezzjoni mhix sostenibbli la legalment u lanqas fattwalment.

Illi l-gurisprudenza hija assodata fil-hsieb li t-terminu dedott fl-artikolu ccitat huwa wiehed ta' preskrizzjoni akkwizittiva u mhux ta' dekadenza.

Dwar l-**artikolu 845**, il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Edith Galea et vs Joseph Degiorgio et** (Cit. Nru. 1758/01FS) deciza fit-18 ta' Mejju, 2005 kienet irreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et**

deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, fejn inghad illi:

*"Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "petitio hereditatis" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva*...... [2].

*Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsegwentement, dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "di diritto". Il-pussess ta' l-uzurpatur irid ikun ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll "animo domini". Dan il-pussess ghandu jigi ppruvat b' mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni*. "

Fil-kawza **Galea vs Degiorgio** l-Qorti kienet qalet:

*"Difatti l-pussess bhala fatt, mhux sufficjenti biex johloq id-dritt tal-proprjeta`, izda jrid ikun tali, fi kliem* ***Laurent*** *'che annunzi coi suoi caratteri che il possessore*

---

[2] Ara wkoll **Borg vs Zammit**, Appell Civili deciza fit-28 ta' Marzu 1995, **Angela Magro vs Angelo Magro et** (186/12MC) deciza fit-2 ta' Ottubru 2012.

*intende essere il-proprietario, e che agisce come tale'*". (Diritto Civile Vol XXXII para. 274).

Del resto, kif jinnota **Baudry Lacantinerie**, "*tutte le condizioni enumerate nell' articolo 2229 tendono a denunciare al vero proprietario l'usurpazione che e stata commessa, ed a metterlo in grado di respingerla*". (Prescrizione para. 238).

Il-karattri fuq migjuba tal-pussess legittimu huma kwindi, kif jikkonkludi **Laurent**, "*una garanzia per la proprieta` contro l' usurpazione".*

F'dan is-sens hi l-interpretazzjoni li baqghet tinghata mill-gurisprudenza matul is-snin. Per ezempju fil-kawza **Borg et v Zammit** (Appell Civili 28/3/1995 Kollez. **Vol XXXIX.i.139**), iz-zmien mahsub fl-Artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva.[3]

[3] Ara ad ezempju fil-kawza **Elena Bonello vs Carmela Bruno Olivier et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 1975 gie osservat: "Il-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza taghha tat-8 ta' Ottubru 1924 fil-kawza "**Mallia Tabone vs Mallia Tabone et"**, qalet li dak l-artikolu tal-ligi jistabilixxi preskrizzjoni *sui generis* u mhux dekadenza, li dik il-preskrizzjoni hija akkwizittiva…..". F'sentenza fl-ismijiet **Luigi Pace Balzan ed altri vs Giovanni Pace Balzan ed altri** deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru 1886 (Vol. XI.162) dwar dan il-provvediment jinghad li "*Che la prescrizione allegata in questo caso ha per iscopo lo acquisto di proprieta' di beni immobili e delle quote in questione, mediante l'allegato possesso per un decennio*" (ara wkoll **Giuseppe Ellul et vs Antonia Fenech et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 1957; **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1948; **Pietru Grixti vs Caterina Mallia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1995; **Albert Camilleri vs John Camilleri et deciza** mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1995; **Rev. Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 2004). Fil-kawza **John Mallia nomine vs Elizabeth Mallia et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 1996, gie kkonfermat li l-Artikolu 845 jispecifika terminu ta' preskrizzjoni u jista' jkun hemm "…sospensjoni jew interruzzjoni tal-istess perjodu kontemplata f'parti ohra tal-ligi civili taghna".

Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin ikun zamm f' idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja.

Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dak l-Artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni ta' l-ghaxar snin tal-*petitio hereditatis* li dwarha jitkellem l-Artikolu taht ezami. Difatti fil-kawza **Josephine Borg et vs Joseph Bianco** deciza fis-27 ta' Gunju 2008 mill-Qorti ta' l-Appell rega' kkonferma l-principji fuq ribaditi u kompla "Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali u mhux bizzejjed il-pussess *di diritto*" (**Camilleri v. Camilleri**, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 2000)."

Illi huwa stabbilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-**Artikolu 845 tal-Kodici Civili** (bhalma huwa mehtieg f'kull kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt (x'aktarx, izda mhux bilfors, taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih tal-haga mitluba daqs li kieku kienet tieghu (*animo domini*) ghaz-zmien kollu preskrittiv. (P.A. 19.5.1957 fil-kawza fl-ismijiet **Ellul Bonici vs Apap Bologna et noe** (Kollez. Vol: XLI.ii.1022).

Illi l-prova ta' dan il-pussess bhala wiehed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akkwizittiva, tinkombi lil min jinvoka l-istess preskrizzjoni. Huwa mehtieg li tingab prova fir-rigward ta' l-elementi necessarji rigwardanti l-pussess.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll il-kawza **Joe D'Amico et vs David D'Amico**, P.A. (1254/02 JA) deciza fil-5 ta' Dicembru 2003, saret referenza ghall-kaz **Alberto Grixti vs Angela sive Giulia Ellul**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 1939 fejn gie trattat is-suggett tal-preskrizzjoni decennali b'mod estensiv:

"*Hu indubitat li l-preskrizzjoni …..fuq imsemmija hija fin-natura taghha akwizittiva ghaliex minhabba dak iz-zmien, il-possessur tal-eredita` jew tal-legat ikun akkwista d-dritt fuq l-eredita` jew fuq il-hwejjeg li jikkonponu l-legat u ghalhekk ikun jista' jirrespingi d-dritt ta' minn jigi 'l quddiem li ghal dan id-disposizzjoni ghandha natura estintiva."*

"*Ghalhekk dan il-pussessur kellu jipposjedi b'pussess tajjeb li jista' jippreskrivi u skont l-artikolu (dak iz-zmien 1882- illum 2118) mhux tajjeb ghal dan il-fini l-pussess tal-uzufruttwarju, ghaliex dan ikun qieghed jipposjedi mhux animo domini izda semplicement ghall-fini li jgawdi l-haga, jiehu l-frutti waqt il-hajja tieghu izda n-nuda proprjeta` tibqa' ghand haddiehor. Infatti, l-fondament ta' kull preskrizzjoni akwizittiva huwa dak li tevita l-kontestazzjonijiet peress li kull min ikun jipposjedi jkun mhux b'titolu prekarju kif inhu deskritt fl-artikolu msemmi) izda titulo propieatatis et*

*domini, jibqa' jzomm din il-haga in bona sew in malafede, pero` dejjem bl-animu li qieghed jipposjedi tituloo propieatatis u ghalhekk qed jaghmel att ta' dominju. Jekk dak l-istat ta' affarijiet baqa' jsehh ghaz-zmien li trid il-ligi u l-veru proprjetarju ma giex 'il quddiem, allura tkun operat ruhha l-usucapione favur dak il-possessur. Dawk pero` li jkunu qeghdin jipposjedu prekarjament, bhala uzufruttwarji ikun evidenti li huma qeghdin izommu l-haga ghan-nom ta' haddiehor u ghall-fini ta' dritt prekarju taghhom; ghalhekk, l-artikolu 1885 (illum 2121) jghid illi: 'No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds* the thing'. ” (Ara wkoll **Angelo Zerafa et vs Michelina Azzopardi**, PA, (81/07 JPG), deciza fis-7 ta' Novembru 2014).

Illi fil-kaz in ezami, dak pretiz mir-rikorrenti, principalment mill-eredita` ta' Richard George Breckon jikkoncerna l-imsemmi fond 68, Rue D'Argens Msida. Applikati l-principji sucitati ghall-kaz odjern, jinghad li wara l-mewt ta' Richard George Breckon, martu Josephine Breckon, matul il-perjodu li ghadda sa mill-mewt ta' zewgha ma kinitx qed tipposjedi ai fini *animo domini* izda kienet semplicement qed tgawdi l-haga, ladarba zewgha miet intestat u ghalhekk, nofs indiviz tal-imsemmi fond kien imiss lil martu Josephine, izda, nofs indiviz ta' dan l-istess fond kien imiss lil bintu r-rikorrenti.

*In vista* tas-suespost, preskrizzjoni taht l-artikolu 845 tal-Kap 16 tibda tiddekorri biss mid-data li jittiehed pussess

esklussiv. Illi l-prova ta' dan il-pussess bhala wiehed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akwizittiva, tinkombi lil min jinvoka l-preskrizzjoni. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-intimata gabet prova fir-rigward tal-element necessarju rigwardanti l-pussess. Ghaldaqstant, *in vista* tac-cirkostanzi tal-kaz, u fil-karenza ta' prova ta' pussess esklussiv, din il-preskrizzjoni fir-rigward tal-eredita` tal-missier Richard George Breckon, ma tregix.

Ghaldaqstant, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimata dwar il-preskrizzjoni.

**<u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Illi gie eccepit li r-rikorrenti kienet diga hadet sehemha mill-assi ereditarji appartanenti lilha mill-eredita` tad-defunt Richard George Breckon.

Jigi osservat fl-ewwel lok, li ma tressqet l-ebda prova dwar dan mill-intimata. Illi hija regola generali, stabbilita fil-gurisprudenza li l-piz tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, **Vol XXXVII-I-578**). Ghalhekk, din il-provi tinkombi fuq l-istess intimata li qed issostni dan il-fatt. Ir-rikorrenti fl-affidavit taghha kkonfermat li kienet hadet erba' mitt Liri Maltin (Lm400) meta nbieghet il-vettura ta' missierha u elf Liri Maltin (Lm1,000) rapprezentanti l-fidi ta' *stocks* Inglizi li huwa kellu f'ismu. Ghalkemm ir-rikorrenti kkonfermat dan, hija qed tikkontendi wkoll li ghandha nofs indiviz tal-fond 68, Rue

D'Argens Msida, fond akkwistat fiz-zwieg tal-genituri taghha, *stante* li hija ghadha ma haditx dan ir-rikavat appartanenti mill-eredita' ta' missierha Richard George Breckon. Jigi ribadit, li fin-nuqqas ta' prova konkreta da parti tal-intimata, dwar dak minnha allegat, din l-eccezzjoni ma tregix.

Ghaldaqstant, tichad it-tieni eccezzjoni.

**It-tielet eccezzjoni:**

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni, l-intimata sostniet li ma topponix ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi likwidat il-porzjon riservat, sakemm meta ssir il-komputazzjoni relattiva, jitnaqqsu dawk l-ispejjez li gew imhallsa mill-istess assi.

Jigi ritenut, li dwar dan ma tressqu l-ebda provi da parti tal-intimata, ghalhekk, din il-Qorti ser tghaddi ghall-komputazzjoni, izda fil-karenza ta' prova dwar l-allegati spejjez imhallsin mill-assi tad-defunta Josephine Breckon, ma jista' jitnaqqas xejn rigwardanti dawn l-allegati spejjez.

Ghalhekk, tichad it-tielet eccezzjoni.

**Ir-raba' eccezzjoni:**

Illi gie eccepit li r-raba' u l-hames talbiet mhumiex jinftehmu sew, kwindi, l-intimata qed topponi ghal dawn it-talbiet.

Jinghad fl-ewwel lok, li r-raba' talba fir-rikors promotur hija ghall-bejgh b'licitazzjoni tal-imsemmija dar numru 68, f'Rue D'Argens, Msida *stante* li din mhijiex komodament divizibbli. Sussegwentment, il-hames talba hija fis-sens li jigi spartit ir-rikavat bejn il-kontendenti, mill-imsemmi bejgh skont il-kwoti spettanti lilhom mill-imsemmija eredita`.

Jigi osservat, li l-hames talba tallacja mat-talba precedenti, billi kemm-il-darba jigi ordnat il-bejgh b'licitazzjoni peress li l-fond mhuwiex komodament divizibbli, huwa ovvju li in segwitu, jrid jinqasam ir-rikavat skont il-kwoti spettanti lilhom mill-eredita` ta' Richard u Josephine Breckon. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tikkondividix dak eccepit permezz ta' din l-eccezzjoni, billi ma tarax li dawn it-talbiet ma jiftehmux sew. Izda, ghall-kuntrarju, l-hames talba tikkumplementa u hija konsegwenzjali ghar-raba' talba kem-il darba din tal-ahhar tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ir-raba' talba qed tigi respinta.

**<u>Il-hames, u s-sitt eccezzjonijiet:</u>**

Dawn l-eccezzjonijiet huma konnessi u ghalhekk ser jigu trattai flimkien. Illi gie eccepit li l-intimata qatt ma rrifjutat s-sehem riservat lir-rikorrenti rigwardanti l-wirt ta' Josephine Breckon u kienet l-istess rikorrenti li ma riditx tasal ghal-ftehim bonarju, tant illi l-informazzjoni fir-rikors promotur, hija l-istess informazzjoni mghoddija lir-rikorrenti.

Jigi dedott, li ma tressqu l-ebda provi da parti tal-intimata fir-rigward ta' dan. Illi ghalkemm l-intimata inghatat l-opportunita` tipprezenta affidavit u x-xhieda, izda hija baqghet ma ottemperatx ruhha mal-ordni ta' din il-Qorti. L-unika prova li ressqet l-intimata huwa l-prospett esebit a fol 44-46 tal-process. *Di piu`*, jirrizulta li ghalkemm it-talbiet tar-rikorrenti huma indirizzati ghas-sehem riservat tal-eredita` ta' ommha Josephine Breckon, izda hija qed tikkontendi li ghandha sehem indiviz ta' nofs (1/2) mill-fond 68, Rue D'Argens Msida, peress li dan il-fond kien akkwistat fiz-zwieg tal-konjugi genituri taghha, u *stante* li Richard George Breckon miet intestat. Barra minn hekk, jirrizulta wkoll, anke mix-xhieda ta' Joseph Brincat, iben l-intimata, li ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-valur ta' dan il-fond ghalhekk, fin-nuqqas ta' qbil dwar dan, ma setax isir il-kalkolu mehtieg biex ir-rikorrenti tiehu sehemha.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tichad il-hames u s-sitt eccezzjonijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet fil-Mertu.</u>**

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku:</u>**

Fil-kors tal-proceduri, din il-Qorti nnominat lill-perit tekniku Elena Borg Costanzi, permezz ta' digriet datat 14 ta' Lulju 2015 (fol 49) biex taghmel stima tal-proprjeta` formanti parti mill-assi ereditarji tal-konjugi defunti Breckon, u cjoe` l-proprjeta` 68, Rue D'Argens Msida. L-istima kellha tkun dwar il-valur tas-suq fil-prezent.

Fir-rapport taghha esebit a fol 57 *et sequitur* tal-process, il-Perit mahtur mill-Qorti vvalutat l-imsemmi fond u wara diversi konsiderazzjonijiet, ikkonstatat li l-valur fis-suq jammonta ghal disghin elf ewro (€90,000).

Illi in segwitu ma saritx talba ghal eskussjoni jew ghall-hatra ta' periti perizjuri.

**Dritt - Sehem Rizervat:**

Illi d-dritt ghal-legittima (llum maghruf bhala s-sehem riservat) *ai termini* tal-**artikolu 615 tal-Kap 16**, huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet. Is-sehem riservat fil-kaz in ezami huwa ta' terz (1/3) tal-valur tal-beni tad-decujus, peress li f'dan il-kaz ir-rikorrenti hija t-tifla unika tat-testatrici (**artikolu 616 tal-Kap 16**).

**Torrente** f' "Manuale di Diritto Privato" p. 934 *et seq.*, ighid:

"*Per determinare l'ammontare delle quote di cui il decuius poteva disporre devesi procedere:*

*a) alla formazione della massa di tutti i beni che appertenevano al defunto all'epoca della sua morte;*

*b) alla detrazione dei debiti*

*c) alla riunione fittizia delle donazioni al patrimonio netto."*

Ighid ukoll li *ai fini* tar-*riunione fittizia "si calcolano i valori dei beni che appartenevono al defunto al tempo dell'apertura della successione (ir-relictum- cio che e satato lasciato). Dalla somma stessa si detraggano i debiti…..Al risultato cosi ottenuta si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente dispose in vita a titolo di donazione (donatum) di regola secondo il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione. Sull'asse cosi format si calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)."*

Ikkonsidrat li ghal zmien twil, il-ligi kienet tqis is-sehem riservat bhala parti mill-gid tal-mejjet (*Quota bonorum*) u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu *(hereditatis portio)* u ghalhekk il-legittimarju ma kienx semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jircievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun rrinunzja ghall-wirt. (Ara **Debono vs Licari et** P.A. deciza fis-16 ta' Dicembru 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII.ii.620). Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar werriet, u ghandu l-jedd jistenna li l-gid li minnu jinghata s-sehem riservat tieghu ikun ghadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decujus. (Ara **Farrugia noe et vs Mintoff noe et** App. Civ. Deciz fl-10 ta' Gunju 1949 Kollez. Vol. XXXIII.i.472).

Illi minhabba l-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta' l-Att XVIII ta' 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-legittima, li issa tissejjah porzjoni rizervata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon riservat fil-konfront tal-eredita`. B'hekk, tnehha l-kuncett tas-sehem tal-beni tal-mejjet.

**Emendi introdotti fil-Kodici Civili bl-Att XVIII tal-2004**

**L-artikolu 615 tal-Kap 16** kif emendat jistipula:

*(1) "Is-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj."*

(2) *"l-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehm riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn; izda l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulat fl-artikolu 1139."*

Illi skont id-disposizzjoni transitorja fl-Att XVIII, dawn l-emendi japplikaw ghal successjonijiet li jsehhu wara li l-provvedimenti relattivi jidhlu fis-sehh (l-1 ta' Marzu tas-sena 2005[4]).

[4] LN. 48 of 2005

Illi fil-kaz odjern, id-defunta Josephine Breckon mietet fl-14 ta' Awwissu 2014, ghalhekk m'hemmx dubju li ftuh tal-wirt taghha sar wara d-dhul fis-sehh tal-emmendi. Ghalhekk, il-ligi applikabbli hija l-ligi bhalissa vigenti li taghmilha cara li d-dritt ghall-porzjon riservat huwa kreditu kontra l-eredita`.

Ghalhekk, ir-rikorrenti talbet il-kreditu dovut lilha f'kontanti *stante* li din il-kawza giet ipprezentata fid-19 ta' Jannar 2015, u cjoe` entro t-terminu ta' sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni.

**<u>Talbiet:</u>**

**I. <u>Likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti:</u>**

Ghall-fini tal-ewwel talba tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm ezistenti bejn id-defunti Richard George Breckon u Josephine Breckon li mill-provi prodotti kien jikkonsisti f'fond immobbli u cioe`:

**<u>Immobbli:</u>**

Il-proprjeta` bin-numru 68, Rue D'Argens, Msida. Il-valur kif stmat mill-espert nominat mill-Qorti €90,000.

**II. <u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta' Richard George Breckon</u>:**

Dan jikkonsisti biss f'nofs (1/2) mill-fond imsemmi u ma jirrizultax li Richard George Breckon kellu assi partikolari.

Ghal dak li jirrigwarda l-fond imsemmi l-Qorti taqbel li l-fond imsemmi ghandu jinbiegh *stante* li mhuwiex komodament divizibbli, u dan skont il-valur stmat mill-perit tekniku u r-rikavat wara li jitnaqqsu l-ispejjez tal-bejgh u taxxi jigi diviz bin-nofs bejn il-partijiet.

**III. <u>Is-sehem riservat fuq l-assi ereditarju ta' Josephine Breckon:</u>**

Il-Qorti ser tghaddi biex tghmel l-ezercizju rikjest mil-ligi rigward il-formazzjoni tal-massa ereditarja fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni. Dawn jikkonsistu f'immobbli u mobbli.

Rigward il-valur tal-immobbli ir-rikorrenti esebiet prospett a fol 34 fejn il-valuri huma imnizzlin kif stmati mill-Perit John B Farrugia. Dawn il-valuri huma accettati mill-intimata (affidavit a fol 45).

**<u>L-assi ereditarju ta' Josephine Breckon:</u>**

**Dawn huma konsistenti f'dan li gej:-**

Jirrizulta li l-beni tad-decujus fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni huma skont kif gej:

**Immobbli:**

Is-sehem spettanti lit-testatrici huma:

Nofs (1/2) indiviz tal-fond numru 68, Rue D'Argens, Msida stmat mill-Perit mahtur mill-Qorti fl-ammont ta' €90,000, ammontanti dan in-nofs ghall**-€45,000.**

Kwart (1/4) indiviz tal-fond numru 4, Triq San Duminku Birgu, stmat mill-Perit John B. Farrugia fl-ammont ta' €12,500 kif jirrizulta (fol 34). (Kwart indiviz jammonta ghal **€3,125)**

Kwart (1/4) indiviz tal-fond numru 22, Triq San Lawrenz Birgu kif stmat mill-Perit John B. Farrugia fl-ammont ta' €3,500 (fol 34). (Kwart indiviz jammonta ghal **€875).**

Parti indiviza minn tmien partijiet (1/8) tal-fond numru 21, Triq it-Torri ta' San Gwann Birgu, kif stmat mill-Perit John B. Farrugia fl-ammont ta' €35,500 (fol 34). (Parti indiviza minn tmien partijiet (1/8) jammontaw ghal **€4,437.50)**

Parti indiviza minn tmien partijiet (1/8) tal-fond numru 22, Triq it-Torri ta’ San Gwann, Birgu, kif stmat mill-Perit John B. Farrugia fl-ammont ta’ €14,000 (fol 34). (Parti indiviza minn tmien partijiet tal-fond jammontaw ghal **€1,750**).

Jigi ritenut li fil-prospett, esebit a fol 45 *et sequitur*, ipprezentat in segwitu ghall-affidavit tar-rikorrenti, l-intimata, meta elenkat il-lista ta’ proprjetajiet parafarnali appartenenti lil Josephine Breckon, irreferiet ghad-dokument anness mal-affidavit ta’ Pauline Debono fejn jidhru l-valutazzjonijiet moghtija mill-Perit John B. Farrugia. Jigi osservat, li hemm diskrepanza bejn dak imsemmi f’dan il-prospett u d-dokument relattiv esebit precedentement a fol 34, fis-sens li l-porzjoni indiviz tal-ewwel zewg propretajiet fil-Birgu ma jaqblux mal-porzjonijiet imnizzla fid-dokument relattiv esebit mal-affidavit. Madankollu, fin-nuqqas ta’ dokumenti relattivi rigwardanti *causa mortis*, u *stante* li l-istess intimata, fil-prospett, tirreferi kontinwament ghad-dokument esebit mal-affidavit tar-rikorrenti (fol 34), din il-Qorti ser toqghod fuq l-informazzjoni moghtija f’dan id-dokument a fol 34.

Jirrizulta wkoll li l-intimata fl-affidavit taghha a fol 45 indikat li s-sehem tat-testatrici huwa ta' 1/8 mill-proprjetajiet <u>kollha</u> hlief ghal dik appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, izda irriferiet ghall-istima tal-Perit Farrugia hi stess kontinwament minghajr ma spjegat din id-diskrepanza. Il-Qorti tifhem li l-Perit Farrugia kien gie imqabbad mill-intimata u ghalhekk ser tikkonferma dak indikat fl-istima tieghu.

**Flus il-Bank:**

Zewg kontijiet mal-Bank HSBC kif jirrizulta minn Dok a fol 41 tal-process.

HBMT 039-088133-050 - €1,941.77
HBMT 039-088133-101 - €17,826.25

**Total: €19,768.02.**

Hames kontijiet mal-Bank of Valletta plc kif jirrizulta minn Dok a fol 40 tal-process.

10756598018 - €15,399.16
10756598021 - € 3,064.01
14909412015 - € 6,791.67
14909412060 - € 28,656.84
40010047822 - €13,756.11

**Total: €67,667.79.**

**Ammont totali tal-kontijiet bankarji kollha: €87,435.81**.

**Investimenti f'isem Josephine Breckon:**

Crystal Finance Investments Limited kif jirrizulta minn dokument esebit a fol 46 tal-process. – fl-ammont ta' €4,821.27.

Ghandu jinghad li ma hemmx kontestazzjoni dwar l-assi likwidi hekk ukoll kif gie verbalizzat (fol 49).

**Komputazzjoni tal-legittima:**

**Is-sehem riservat dovut lir-rikorrenti:**

Illi peress li l-ulied ma jaqbzux l-erbgha, ir-rikorrenti hija l-unika wild adottiva, is-sehem spettanti lilha bhala sehem riservat huwa terz (1/3) kwindi s-sehem riservat tar-rikorrenti huwa ta' terz mill-valur tal-massa ereditarja.

Illi l-valur totali tal-assi ereditarju ta' Josephine Breckon huwa ta' **€147,444.58** kwindi **l-ammont li ghandu jissarraf fi kreditu lir-rikorrenti huwa ta' terz (1/3)** u cioe`: **disgha u erbghin elf, mija u tmienja u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€49,148.20).**

**Talba ghal bejgh b'licitazzjoni referibbilment ghall-fond 68, Rue D'Argens Msida:**

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt:**

Il-bejgh b'licitazzjoni hu regolat bl-artikolu 515 *et sequitur* tal-Kap 16, skont liema ghandu jsir tali bejgh meta l-fond mhuwiex komodament divizibbli (**art.515**), li kull wiehed mill-konsorti jista' jitlob il-bejgh bl-irkant (**art.516**), li jistghu jigu ammessi oblaturi estranei (**art.517**) u li l-bejgh isir taht is-setgha tal-Qorti (**art. 520**).

Illi ghalkemm il-bejgh b'licitazzjoni ta' beni immobbli jista' jsir bil-mod li jaqblu dwaru s-sidien kollha, jekk kemm-il darba jsir b'ordni tal-Qorti f'sentenza jew ghax ma jkunx hemm fehma wahda bejn is-sidien kollha, l-ghazla ta' liema procedura ghandha tigi segwita hija mhollija f'idejn il-Qorti.[5]

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami**, jigi osservat li ma giex dikjarat specifikatament mill-Perit mahtur mill-Qorti li l-fond mhuwiex komodament divizibbli, *stante* li nghataw biss deskrizzjoni u l-valur tal-fond. Madankollu, tenut kont tad-daqs u tad-deskrizzjoni tal-fond in kwistjoni, hekk kif moghtija mill-perit mahtur, jidher car li l-fond mhuwiex komodament divizibbli. Ghalhekk, l-ahjar mezz, fl-interess komuni taz-zewg partijiet, huwa dak ta' bejgh b'licitazzjoni, sabiex ikun jista' jinqasam ir-rikavat.

*In vista* tas-suespost, m'hemm l-ebda raguni ghaliex il-Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba attrici u tordna l-bejgh b'licitazzjoni.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata ghar-ragunijiet spjegati, u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn id-defunti Richard George Breckon u Josephine Breckon fl-assi immobbli kif murija fil-kap

[5] Artikolu 521(1) tal-Kap 16.

intestat " **I. Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**.” u konsegwentement tordna l-assenjazzjoni tas-sehem ta' nofs (1/2) indiviz mill-immobbli lir-rikorrenti u n-nofs (1/2) indiviz l-iehor lill-intimata.

2. Tilqa’ t-tieni talba fis-sens li taqsam u tiddividi l-assi ereditarju appartenenti lill-eredita` tal-mejjet Richard George Breckon u lill-eredita` tal-mejta Josephine Breckon u dan billi l-istess eredita' ta' Richard George Breckon kif muri fil-kap intestat "**II. Likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta’ Richard George Breckon**" tigi assenjata lill-attrici *stante* li missierha miet intestat u dik ta' Josephine Breckon kif murija fil-kap intestat "**L-Assi Ereditarju ta’ Josephine Breckon**” tigi assenjata lill-intimata werrieta taghha kif soggett ghall-kreditu tas-sehem rizervat hawn likwidat favur ir-rikorrenti.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tillikwida l-porzjoni rizervata dovuta lill-attrici rikorrenti mill-assi tal-mejta Josephine Breckon fl-ammont ta': **disgha u erbghin elf, mija u tmienja u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€49,148.20) u tordna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti din is-somma hekk likwidata.**

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tordna li jsir il-bejgh b’licitazzjoni bil-procedura mfissra bil-ligi ghall-bejgh bl-irkant, fond bin-numru 68 Rue D'Argens, Msida, kif deskritt fir-rapport tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi bil-valur ta' disghin elf ewro (€90,000). Tordna li l-bejgh b’licitazzjoni jsir fid-9 ta' Mejju 2017 f'12:00p.m. fil-bini tal-Qorti u kull parti jkollha

d-dritt li titlob li l-barranin jigu mistiedna sabiex joffru fil-bejgh b'avviz mahrug f'gurnal lokali wiehed, mill-anqas sitt (6) ijiem qabel il-jum imholli ghall-bejgh.

5. Tilqa' l-hames talba, u tordna li r-rikavat jigi maqsum bejn il-partijiet fi kwoti indaqs ta' nofs (1/2) kull wahda minnhom wara li jithallsu l-ispejjez tal-bejgh u t-taxxi relattivi.

6. Tilqa' s-sitt talba u f'kaz ta' bzonn tinnomina lin-Nutar Dottor Mary Grech Pace biex tircievi u tippubblika l-att ta' divizjoni u assenjazzjoni u tinnomina lill-Avukat Dottor Anna Mallia biex tirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata salv dawk konnessi mal-bejgh bl-irkant u mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, liema spejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Frar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar 2017**